MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2003

Numru. 310/2002

Il-Pulizija
(Spettur Stephen J Gatt)
vs
Stephan Fenech

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Stephan Fenech, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 309571(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli talli fit-8 ta' Mejju, 2000 ghall-habta tal-4.30p.m. fi Triq Testaferrata Ta' Xbiex :

a) Minghajr il-hsieb li joqtol, jew li jqieghed il-hajja ta' Frank Borda f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Frank Borda, liema hsara hija offiza gravi li tista iggib periklu ta' debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew ta' difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem ta' Frank Borda, hekk kif

iccertifikaw il-Konsulent Profs Frederick Fenech M.D. u Dr Malcolm P Crockford M.D.

b) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Frank Borda.

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali tal-5 ta’ Awissu 2002 li permezz taghha deherlu li tista tinsab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

Fl-Artikoli 218 u 221 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fil-11 ta’ Mejju tas-sena 2000 il-pulizija kienet irceviet korrispondenza minghand Frank Borda fis-sens illi fit-8 ta’ Mejju tas-sena 2000 ghall-habta tal-erbgha u nofs waqt li kien ghaddej bil-karozza tieghu quddiem il-Gala showroom fi Triq Testaferrata Ta’ Xbiex kien ra truck ipparkjat man-naha tal-bankina tax-showroom u allura kien qed ifixek il-veduta jew inkella s-showroom tieghu peress illi hemm hekk fix-showroom ikun hemm il-karozzi esposti ghall-bejgh. Huwa kien staqsa lil xi tifel li kien qieghed hemm hekk hdejn it-truck li kien qallu li t-truck kien ta’ missieru u t-tifel telaq jigri. Is-Sur Borda ipprova jiftah il-bibien sabiex idoqq il-horn ta’ dan it-truck u attira l-attenzjoni ta’ sid it-truck. Wara ftit minuti ma gie hadd. Huwa dahal fil-karozza tal-mara tieghu u wara li mexa xi mitejn metru kellhom jieqfu peress illi waqfet karozza quddiemhom. Skond din il-korrispondenza illi s-Sur Borda ta’ lill-pulizija, meta huwa hareg mill-karozza u staqsa lix-xufier li kien qieghed isuq

din il-karozza ghalfejn kienet waqfet quddiemu din il-karozza, ix-xufier tah daqqa ta’ ponn fuq sifru u konsegwentement is-Sur Borda waqa ma l-art u wegga. Meta qam bil-wieqfa induna illi r-ragel li kien qieghed isuq din il-vettura rega ipprova ihebb ghalih, pero’ lahaq wasal id-driver ta’ mini bus li dahal fin-nofs u feraqhom. Is-Sur Borda indika lill-imputat bhala l-persuna li kien hebb ghalih. L-imputat gie interrogat mill-pulizija, huwa irrilaxxja u iffirma stqarrija fejn qalilhom illi fl-1 ta’ Mejju tas-sena 2000 ghall-habta tat-tlieta u kwart ta’ wara nofsinhar kien hareg fuq il-bejt tal-flat tieghu ippejjep sigarett, ittawwal lejn il-Gala showroom u sema hoss ta’ tyre niezel u mill-mera li ghandu imwahhla l-gholi tal-bini tal-Gala ra ragel bi qmis hadra irrigata li kien nizel kokka inizzel it-tyre ta’ quddiem tan-naha tal-lemin tal-Isuzu trick li numru ACM 002, liema truck kien jappartjeni lilu. Huwa kien ipparkjah hemm hekk fi Triq Testaferrata. L-imputat qal lill-pulizija li qaghad fuq il-bejt jistenna lil dan ir-ragel iqum bil-wieqfa biex jara min kien u fil-fatt dan ir-ragel qam u huwa ralu wiccu sew. Sa dan it-tant kien hemm mara f’jeep Cherokee hadra tistennih fil-kantuniera u dan ir-ragel mexa lejn il-jeep. Huwa ghajjatlu minn fuq il-bejt, pero’ dan ir-ragel baqa sejjer. Ghalhekk l-imputat nizel jigri l-erba’ sulari tal-block, u lahaq lil dan ir-ragel jirkeb fil-jeep fejn kien hemm mara fid-driver seat. Huwa qal illi kif rah dan ir-ragel tfixkel u hareg bil-jeep gas down. Huwa fetah it-truck li tnizzillu it-tyre u mar warajhom u lahaqhom quddiem il-Mira Motors u dana peress illi kien hemm it-traffic. L-imputat qal li rassu bit-truck tieghu, hareg u s-Sur Borda hareg mill-jeep u skond l-imputat beda jxejjer jdejh f’wiccu. Dak il-hin huwa intilef bir-rabja, imbuttah. Is-Sur Borda qam fil-pront u rega’ gie ixxejjer idejh ghalih. Waqfu xi nies u gew izommuh. Huwa umbaghad rikeb fil-van u mar jaghmel rapport verbali l-ghassa ta’ l-Imsida. L-imputat ikkonferma illi t-truck tieghu kien ipparkjat quddiem is-showroom tal-Gala fi Triq Testaferrata. Huwa qal illi ma kien qieghed jostakola fis-sens illi persuna setghet tidhol u tohrog mix-showroom. L-imputat fl-istqarrija tieghu cahad illi xejjer daqqa ta’ ponn lil Frank Borda. Huwa qal illi kulma ghamel kien illi imbuttah peress illi s-Sur Borda kien qieghed ixxejjer idejh f’wiccu. Meta imbuttah, is-Sur Borda waqa u qam jigri malajr

hafna. Dak il-hin huwa ma ralux demm u meta s-Sur Borda waqa, skond l-imputat dan ma habat ma imkien. Kull ma gara kien illi tilef il-bilanc. Huwa cahad illi laqat lil Frank Borda fuq gembu u cahad li kissirlu xi kustilja.

Illi huwa minnu illi Frank Borda ghalkemm gie debitament notifikat qatt ma indenja ruhu jitla jixhed f'dawn il-proceduri u dan minkejja l-fatt illi l-kawza ilha istitwita minn April tas-sena 2002.

Illi l-Prosekuzzjoni, peress illi Frank Borda irrifjuta li jitla jixhed f'dawn il-proceduri, kull ma ghamlet kienet li esebiet l-istatement tal-imputat fejn cahad illi huwa ta' xi daqqa ta' ponn lis-Sur Borda, jew li laqtu fuq il-kustilja jew fuq gembu. Xehed l-Ispettur Stephen Gatt fis-sens illi ma rax l-incident jigri u xehed il-Professur Fenech illi ipprezenta certifikat mediku illi jghid illi Frank Borda kellu ugieh f'sidru kull meta kien jiehu n-nifs. Irrizulta illi s-Sur Borda mar ghand it-tabib erbat ijiem wara l-allegat incident, pero' b'dan kollu ic-certifikat mediku u x-xhieda tal-Professur Fenech bl-ebda mod ma jorbtu lill-imputat ma dan l-ugiegh li kien qieghed ihoss is-Sur Borda.

Illi s-Sur Borda kull ma ghamel kien illi ipprezenta ittra lill-Prosekuzzjoni u din l-ittra ma taghmilx prova fi proceduri kriminali fejn ix-xhieda iridu jixhdu 'viva voce' fil-prezenza tal-imputat u jkun hemm ukoll kull opportunita li l-Avukat difensur tal-imputat jaghmel ukoll id-domandi kollha in kontro-ezami, haga li ovvjament ma setghet qatt issir peress illi s-Sur Borda qatt ma xehed f'dawn il-proceduri.

Illi kif diga intqal ukoll l-imputat ghazel illi jirrilaxxja stqarrija lill-Prosekuzzjoni, liema stqarrija huwa ghazel ukoll li jiffirmaha fejn ta verzjoni totalment differenti minn dik illi ta fl-ittra tieghu lill-Pulizija is-Sur Borda.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti filwaqt illi tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat tiddikjara illi l-imputat mhuwiex hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------